MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 886/1995/1

**Lorry sive Lawrence Cuschieri**

**vs**

**L-Onor. Ministru tal-Ambjent u d-Direttur tax-Xogholijiet in rappresentanza tad-Dipartiment relattiv; Sammy Meilaq bhala Chairman u in rappresentanza tal-Malta Drydocks Corporation, u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 1996 gie kjamat in kawza il-Ministru ta' l-Intern.**

**Il-Qorti;**

Dan kellu jkun provvediment limitat ghall-eccezzjoni tad-dezerzjoni tal-appell tal-Malta Drydocks sollevata mill-konvenuti Ministru tal-Ambjent, Direttur tax-Xogholijiet u Ministru tal-Intern. Din l-eccezzjoni giet sollevata fir-risposta ta' dawn it-tlett konvenuti tas-17 ta' Awissu, 2001 (fol.137) (ara l-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2003).

Fit-12 ta' Marzu, 2004, pero` l-istess tlett konvenuti, permezz ta' nota, irrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni, kif kellhom kull dritt li jaghmlu (ara *inter alia* il-provvediment tat-8 ta' Gunju, 2004 moghti minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet ***George u Georgina mizzewgin Sciberras v. Josephine Spiteri et***). Konsegwentement din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni u tordna l-prosegwiment ta' l-appell. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------